Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 35/2015

**Charlene Marguerite Mallia (Appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (Appellant)**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju, 2016.

L-intimat appella mid-decizjoni (numru 230/2015)[1] tal-Arbitru tas-6 ta' Lulju 2015 li laqa' l-appell tar-rikorrenti sabiex tithassar id-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali li l-appellata ghandha thallas lura s-somma ta' €9,058.22 li thallset bhala beneficcji socjali[2] ghaliex ma kienx sodisfatt li hi kap tal-familja. Fl-aggravju l-appellant argumenta li:

i. Il-ligi tatih id-diskrezzjoni li jiddeciedi dwar jekk persuna tikkwalifikax bhala kap tal-familja u: *"…. Dan ma jaghmlux biss billi jara lil min tappartjeni d-dar, izda jiehu fil-konsiderazzjoni tieghu diversi affarijiet, fosthom, min qed imantni l-familja, liema huma l-membri tal-familja li huma dipendenti fuq haddiehor, u bazikament, liema persuna minn dawk li joqghodu fid-dar hija l-persuna li jiddependu fuqha l-iktar nies fil-familja"*
ii. F'dan il-kaz il-prova regina li turi min hu l-kap tal-familja kien digriet tal-20 ta' Jannar 2012 li bih l-appellata tilfet il-kura u kustodja ta' binha u nghatat lill-genitur taghha. Dan wassal sabiex l-appellata ma baqghetx kap tal-familja. Ghaldaqstant, mid-data tad-digriet m'hijiex iktar intitolata ghall-beneficcji socjali.

Skond l-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):

*"familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja.*

*Kap tal-familja dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja."*

[1] File numru 133/2014.
[2] Il-hlas sar fil-perjodu 21 ta' Jannar 2012 sal-4 ta' April 2014.

Minkejja li l-ligi taghti lill-appellant id-diskrezzjoni li jiddeciedi meta hemm familja u min hu kap ta' familja, id-decizjoni trid tkun wahda ragonevoli u b'mod li tkun tirrifletti r-realta'.

Mill-atti jirrizulta li effettivament b'digriet tal-20 ta' Jannar 2012 il-kura u kustodja tal-minuri Isaac inghata lil Salvatore u Helen Mallia, li huma l-genituri tal-appellata. Pero' fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex bizzejjed in kwantu, mir-rikors li gie pprezentat fil-Qorti tal-Familja fl-20 ta' Lulju 2011 jinghad:

*"Illi Charlene Marguerite Mallia fil-frattemp kellha relazzjoni ohra ma' certu Wistin Magro u kellha tifel iehor li jismu Ismael li ghandu sitt xhur.*

*Illi peress illi hija qed ikollha certu problemi ma' dan Wistin Magro kemm hija u kif ukoll il-genituri taghha, ossia l-esponenti, kellhom ifittxu l-ghajnuna tal-Agenzija Appogg u fil-fatt kellmu lis-social woker Charlene Falzon.*

*Illi wara li fittxew tali ghajnuna u anke kwazi fuq parir ta' Charlene Falzon irrizultalhom li jkun ghall-ahjar inters tal-minuri Isaac illi ghal issa dan jigi fdat f'idejn il-kura u kustodja tan-nanniet, ossia l-esponenti."*

Il-qorti fehemet li r-rikors lill-Qorti tal-Familja sar mhux ghaliex l-appellata riedet tabdika mir-responsabbilta' ta' genitur, izda pjuttost minhabba 'l biza` li kien hemm li l-minuri jittiehed mid-dar. Dan mehud in konsiderazzjoni li f'dak iz-zmien l-appellata kien qieghed ikollha problemi mal-imsemmija persuna. Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll li dak li l-proceduri saru fuq parir ta' social worker. Ghalhekk hu evidenti li r-rikors li gie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Familja kien biss mezz biex l-appellata u l-genituri taghha jserrhu rashom li l-minuri jibqa' jghix fid-dar. Il-qorti fehemet li l-appellata minkejja d-digriet tal-qorti, xorta baqghet tipprovdi ghal binha. Konkluzjoni li waslet ghaliha wara li qrat ir-rapport tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji. Hu evidenti li fil-kors tal-investigazzjoni l-appellata kkoperat bis-shih u ma jirrizultax li hbiet affarijiet mill-ispetturi.

Rilevanti wkoll dak li jinghad fir-rapport tal-investigazzjoni:

*"Fid-dawl ta' dan l-istharrig l-ispettorat ikkonkluda li l-allegazzjoni migjuba kontra l-beneficjarja rigward il-kustodja ta' binha Isaac hija veritiera. Madankollu l-ispettorat ihoss li tul iz-zjara tal-ispettorat deher bic-car li kemm il-beneficjarja kif ukoll binha Isaac qeghdin ighixu flimkien fid-dar tal-genituri tal-beneficjarja u hekk kif spjegawlna s-Sinjuri Mallia nnifishom kif ukoll kif jidher mir-Rikors li huma ghamlu fil-Qorti, d-decizjoni biex il-kustodja ta' Isaac tghaddi f'idejhom kienet biss ghall-ahjar interess ta' Isaac."*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li mill-provi rrizulta li fir-realta' l-appellata xorta baqghet tiehu hsieb lil binha, u l-proceduri fil-Qorti tal-Familja saru biss ghas-serhan tal-mohh u mhux ghaliex l-appellata riedet tfarfar mir-respsonsabbilta ta' genitur. Wara kollox minkejja d-digriet tal-20 ta' Jannar 2012, is-setgha ta' genitur xorta baqghet ghand l-appellata. *De facto* l-appellata xorta baqghet il-kap tal-familja li kellha u ghad ghandha ma' binha Isaac. Fatt li fil-fehma

tal-qorti l-appellant skarta ghal kollox meta mill-investigazzjoni jirrizulta bl-iktar b'mod car li l-proceduri li saru fir-rigward tal-minuri Isaac kienu biss bhala konvenjenza ghal serhan tal-mohh u xejn iktar u fir-realta' l-appellata xorta baqghet tiehu hsieb lil binha. B'hekk il-qorti tikkonkludi li d-decizjoni tal-appellant li l-appellata ma baqghetx kap ta' familja meta nghata d-digriet tal-20 ta' Jannar 2012, ma kinitx decizjoni ragonevoli.

Ghalkemm fir-rikors tal-appell jissemma wkoll li l-appellata kienet obbligata li skond l-Artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 tinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi ta' hajjitha[3] u qiesu jaghti x'jifhem li kien hemm raguni ohra ghalfejn id-decizjoni li ha kienet valida, pero' din ma kinitx raguni li ssemmiet fid-decizjoni tieghu u li kienet appellata quddiem l-Arbitru. Din il-qorti ma tistax tippermetti lill-appellant li fl-istadju tal-appell jaghti ragunijiet godda li qatt ma jkun semma fl-avviz li ta lill-beneficjarja u fil-proceduri quddiem l-Arbitru.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[3] Ara paragrafi 11 – 13.